MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2009

Mandat Numru. 380/2009/1

**BAY STREET HOLDINGS LIMITED** (kumpannija reġistrata fir-Reġistru tal-Kumpanniji bin-numru C-12058)

vs

**CALAMARI LIMITED** (kumpannija reġistrata fir-Reġistru tal-Kumpanniji bin-numru C-28923)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-3 ta’ Marzu, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija rikorrenti (aktar ’il quddiem imsejħa “Baystreet”) talbet li din il-Qorti toħroġ Mandat ta’ Inibizzjoni biex iżżomm lill-kumpannija intimata (aktar ’il quddiem imsejħa “Calamari”) milli tbiegħ, tittrasferixxi, tassenja, tipoteka, tippermetti r-reġistrazzjoni

ta' xi privileġġ, taggrava jew tiddisponi b'xi mod ieħor b'titolu gratuwitu u/jew oneruż il-proprjeta' immobbli mogħtija lilha b'donazzjoni minn Walter Żammit Cachia, b'mod partikolari s-sehem ta' parti minn tnax ($^{1}/_{12}$) mhux maqsuma tan-nuda proprjeta' tal-appartament fil-pjan terran, internament markat bin-numru wieħed (1) u liema appartament jagħmel minn blokka ta' appartamenti f'numru mija u tnejn u disgħin (192), Triq it-Torri, Sliema, flimkien mal-ambjenti komuni tal-imsemmija blokka u tal-arja ta' fuq l-istess blokka;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Marzu, 2009, li bih laqgħet it-talba b'mod provviżorju, ordnat in-notifika lill-intimata u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tal-10 ta' Marzu, 2009;

Rat il-verbal magħmul mill-avukat difensur ta' Calamari li bih laqgħet għat-talba tal-ħruġ tal-Mandat billi qalet li dik it-talba ma tistax tintlaqa' għaliex ma jeżistux raġunijiet tajbin biex mandat bħal dak jista' jinħareġ kontriha u dan għaliex ir-rikorrenti ma għandha l-ebda jedd *prima facie* xi tħares kontriha.  Laqgħet ukoll billi qalet li l-ħsara li ġġarrab li kieku l-Mandat kellu jinħareġ tkun waħda gravi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-10 ta' Marzu, 2009;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Marzu, 2009, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Tqis li Baystreet għandha kreditu esekuttiv kontra wieħed Walter Żammit Cachia u f'April tal-2008, innotifikatu b'atti esekuttivi;

Tqis li b'kuntratt pubbliku tat-13 ta' Awwissu, 2008, l-imsemmi Żammit Cachia ta b'donazzjoni lil Calamari n-nuda proprjeta' ta' parti minn tnax-il ($^{1}/_{12}$) sehem mhux

maqsum mill-appartament fuq imsemmi u li kien ġie għandu mill-wirt ta' missieru (li miet f'Diċembru tal-2007) f'Ġunju tal-2008;

Tqis li l-azzjonist (segretarju u direttur) waħdieni ta' Calamari huwa wieħed Mark Żammit, iben l-imsemmi Walter Żammit Cachia;

Tqis li fit-3 ta' Marzu, 2009, Baystreet fetħet kawża kontra Calamari u kontra Żammit Cachia biex twaqqa' l-imsemmi kuntratt ta' donazzjoni fuq il-kawżali li dak il-kuntratt sar b'qerq u bi ħsara għall-kreditu kanoniżżat tagħha

Tqis li ntwera li Żammit Cachia m'għandux ġid ieħor li bis-saħħa tiegħu Baystreet tista' b'mod ieħor tissoddisfa l-ħlas tal-kreditu kanoniżżat dovut lilha, u saħansitra fejn ġie eżegwit mandat, Żammit Cachia fetaħ proċeduri għat-tħassir ta' tali mandati;

Tqis li l-jedd ta' Baystreet biex titlob il-ħruġ tal-Mandat joħroġ mill-interess li hija għandha fil-kawża li fetħet kontra Calamari u kontra Żammit Cachia;

Tqis li, għall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-jedd li jintalab il-ħruġ tal-Mandat irid jikkonsisti f'li l-kreditur "jiżgura dejn" li jaqbeż ċertu ammont. Il-kawża miftuħa minn Baystreet hija maħsuba biex twettaq pretensjoni dwar kreditu kanoniżżat li hija tgawdi kontra Żammit Cachia;

Tqis li f'dan l-istadju u taħt din il-proċedura, din il-Qorti m'ġgandha tagħmel l-ebda stħarriġ dwar is-siwi tal-kawża li fetħet Baystreet u lanqas ma tista' jew għandha tagħmel kummenti dwar jekk id-donazzjoni saritx jew le b'bona fidi;

Tqis li, għall-finijiet tal-artikolu 873(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ħruġ tal-Mandat huwa meħtieġ biex jitħares il-jedd ta' Baystreet fuq imsemmi;

Tqis li l-ilment ta' Calamari li tista' ġġarrab ħsara kbira bil-ħruġ tal-Mandat ma jidhirx mistħoqq għaliex kulma qiegħed jintalab minn Baystreet huwa li Calamari ma

tittrasferix u lanqas ma tgħabbi l-ġid milqut b'xi dejn ġdid jew b'xi piż ieħor;

Tqis, għalhekk, li Baystreet seħħilha turi li jeżistu l-elementi kollha meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba** tal-kumpannija rikorrenti u tordna l-ħruġ tal-Mandat mitlub, bi spejjeż għall-kumpannija intimata.

Mogħti kameralment illum, 16 ta' Marzu, 2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------